# ITTRA TAL-QDUSIJA TIEGĦU L-PAPA FL-OKKAŻJONI TAS-750 ANNIVERSARJU MILL-GĦOTI TAL-LABTU TAL-MADONNA TAL-KARMNU

*Lir-Reverendissimi Patrijiet*

**JOSEPH CHALMERS**

*Pirjol Ġenerali ta' l-Ordni ta' l-Aħwa ta' l-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għoli tal-Karmel (O.Carm.)*

u

**CAMILO MACCISE**

*Prepostu Ġenerali ta' l-Ordni ta' l-Aħwa Skalzi ta' l-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmel (O.C.D.)*

1. Il-ġrajja providenzjali ta' grazzja li s-sena tal-ġublew kienet għall-Knisja, iġġegħlha tħares b'fiduċja u tama lejn it-triq tal-millenju l-ġdid li għadha kemm infetħet quddiemna. Kif ktibt fl-Ittra Appostolika *Novo millennio ineunte*, "Fil-bidu ta' dan is-seklu ġdid irridu nħaffu riġlejna ... F'din il-mixja, il-Verġni Mqaddsa, li f'idejha fdajt it-tielet millennju, timxi magħna" (n. 58).

Għalhekk kien b'ferħ kbir li sirt naf li l-Ordni tal-Karmnu, fiż-żewġ fergħat tiegħu, dik antika u dik riformata, jixtieq juri l-imħabba ta' iben lejn il-Patruna tiegħu billi jiddedika s-sena 2001 lil dik li hi meqjuma bħala l-Fjur tal-Karmelu u l-Omm u l-Gwida fit-triq tal-qdusija. F'dan il-kuntest, ma nistax ma msemmix koinċidenza sabiħa: skond ma tgħidilna tradizzjoni meqjuma fl-istess Ordni, il-Karmelu kollu qed jiċċelebra din is-sena Marjana fis-750 anniversarju mill-għoti tal-Labtu. Din iċ-ċelebrazzjoni għandha tkun għall-Familja Karmelitana kollha kemm hi okkażjoni mill-isbaħ mhux biss biex tagħraf dejjem aktar fil-fond l-ispiritwalità Marjana tagħha, imma wkoll biex tgħixha dejjem aktar fid-dawl tal-post li l-Verġni Omm Alla għandha fil-misteru ta' Kristu u tal-Knisja, u hekk timxi wara dik li hi "l-Kewkba ta' l-Evanġelizzazzjoni" (ara *Novo millennio ineunte*, 58).

2. Fil-mixja tagħhom lejn "l-għolja mqaddsa li hi l-Mulej Ġesù Kristu" (Missal Ruman, *Kolletta tal-Quddiesa f'ġieħ l-Imqaddsa Verġni Marija tal-Karmnu*, 16 ta' Lulju), nisel wara l-ieħor ta' Karmelitani, mill-bidu sal-lum, fittxew li jfasslu ħajjithom fuq l-eżempju ta' Marija. Għalhekk fil-Karmelu u f'kull ruħ imqanqla minn imħabba ħelwa lejn il-Verġni u Omm l-aktar qaddisa, twarrad il-kontemplazzjoni ta' dik li sa mill-bidu għarfet tkun miftuħa biex tisma' l-Kelma ta' Alla u tobdi r-rieda tiegħu (*Lq* 2, 19.51). Edukata u ffurmata mill-Ispirtu (ara *Lq* 2, 44-50), Marija setgħet taqra ħajjitha fid-dawl tal-fidi (ara *Lq* 1, 46-55). Miftuħa għal dak li Alla kien qed jgħidilha, "imxiet 'il quddiem fit-triq tal-fidi u b'fedeltà sħiħa baqgħet magħquda ma' Binha sas-salib, fejn skond il-pjan ta' Alla, baqgħet wieqfa (ara *Ġw* 19, 25) tbati mill-qiegħ ma' Binha l-waħdieni u tingħaqad mas-sagrifiċċju tiegħu b'qalb ta' omm" (*Lumen gentium*, 58).

3. Meta nikkontemplaw lill-Verġni, narawha bħala Omm kollha mħabba, trabbi lil Binha f'Nazaret (ara *Lq* 2, 40.52), timxi warajh mat-toroq tal-Palestina, tgħinu fit-tieġ ta' Kana (ara *Ġw* 2, 5), u f'riġlejn is-salib issir l-Omm li tingħaqad ma' l-offerta tiegħu u tingħata lill-bnedmin kollha meta Ġesù nnifsu ħalliha f'idejn id-dixxiplu l-maħbub (ara *Ġw* 19, 26). Bħala Omm il-Knisja, il-Verġni Mqaddsa tingħaqad mad-dixxipli "f'talb ma jaqta' xejn" (*Atti* 1, 14), u bħala l-Mara l-ġdida li fiha jseħħ minn qabel dak li xi darba għad iseħħ fina lkoll fit-tgawdija sħiħa tal-ħajja tat-Trinità, hija tittellgħa s-sema, minn fejn tifrex il-mant tal-ħarsien tagħha kollu ħniena fuq uliedha fi triqthom lejn il-għolja mqaddsa tal-glorja.

Din il-ħarsa kontemplattiva tal-moħħ u l-qalb twassalna biex nammiraw l-esperjenza tal-fidi u ta' l-imħabba tal-Verġni li ġa għexet dak li kull nisrani jixtieq u jittama li jkun fil-



misteru ta' Kristu u tal-Knisja (ara *Sacrosanctum Concilium*, 103; *Lumen gentium*, 53). Għalhekk, bil-ħaqq kollu, il-Karmelitani għażluha bħala Patruna u Omm spiritwali tagħhom u jżommuha dejjem quddiem għajnejhom bħala l-Verġni l-aktar safja li tmexxi lil kulħadd għall-għarfien sħiħ u għall-imitazzjoni ta' Kristu.

Hekk tinbet relazzjoni ta' intimità spiritwali li tkabbar dejjem iżjed l-għaqda ma' Kristu u ma' Marija. Għall-membri tal-Familja Karmelitana, Marija, il-Verġni Omm Alla u Omm il-bnedmin, mhix biss mudell li fuqu jfasslu ħajjithom, imma wkoll preżenza ħelwa: Omm u Oħt li jafdaw fiha. Bil-ħaqq kollu kienet tħeġġeġ Santa Tereża ta' Ġesù: "Imitaw lil Marija u kkunsidraw kemm hi kbira din is-Sinjura u kemm jiswielna li jkollna lilha bħala Patruna tagħna (*Il-Kastell ġewwieni,* III, 1,3).

4. Din il-ħajja Marjana qawwija, li turi ruħha fit-talb kollu fiduċja, fit-tifħir imħeġġeġ u fl-imitazzjoni ħerqana, twassalna biex nifhmu li l-għamla l-aktar ġenwina ta' devozzjoni lejn il-Verġni Mqaddsa hija l-konsagrazzjoni lill-Qalb bla tebgħa tagħha, murija fis-sinjal fqir tal-Labtu (ara PIJU XII, Ittra *Neminem profecto latet* [11 ta' Frar 1950: *AAS* 42, 1950, pp. 390-391]; Kostit. domm. fuq il-Knisja *Lumen gentium*, 67). Hekk iseħħ fil-qalb għaqda u familjarità dejjem akbar mal-Verġni Mqaddsa "bħala għamla ġdida ta' kif nistgħu ngħixu għal Alla u nissuktaw hawn fuq l-art l-imħabba ta' l-Iben Ġesù lejn Ommu Marija (ara *Discorso all'Angelus*, f'*Insegnamenti* XI/3, 1988, p. 173). Dan iwassal għal dik li l-Beatu Titu Brandsma, martri Karmelitan, isejħilha sintonija mill-qiegħ ma' Marija t-*Theotokos*, li tagħmilna bħalha nies li jwasslu l-ħajja divina... "Lilna wkoll il-Mulej jibgħatilna l-anġlu tiegħu ... aħna wkoll għandna nilqgħu lil Alla f'qalbna, inġorruh f'qalbna, nitimgħuh u nħalluh jikber fina hekk li jitwieled minna u jgħix magħna bħala Alla-magħna, l-Għimmanu-el" (*Mid-diskors tal-B. Titu Brandsma fil-Kungress Marjoloġiku ta' Tongerloo*, Awissu 1936).

Biż-żmien, permezz tat-tixrid tad-devozzjoni tal-Labtu mqaddes, dan il-għana ta' patrimonju Marjan tal-Karmelu sar teżor għall-Knisja kollha. Għas-sempliċità u l-valur antropoloġiku tagħha, u għar-rabta tagħha mas-sehem li għandha Marija b'risq il-Knisja u l-bnedmin kollha, din id-devozzjoni ntlaqgħet fuq li ntlaqgħet mill-Poplu ta' Alla, sa waslet li turi ruħha fit-tifkira tas-16 ta' Lulju, li nsibuha fil-kalendarju liturġiku tal-Knisja universali.



*Il-Papa Ġwanni Pawlu II, (it-tieni mil-lemin) jidher waqt mument ta' mistrieħ fil-bini ta' kamp militari f'Lulju ta' l-1939. Tista' tara l-Papa liebes il-Labtu tal-Karmnu.*

5. Fis-sinjal tal-Labtu tilma sintesi mill-aqwa ta' spiritwalità Marjana li tgħajjex id-devozzjoni ta' l-insara u tgħinhom jintebħu bil-preżenza kollha mħabba tal-Verġni Marija f'ħajjithom. Il-Labtu hu fuq kollox "libsa". Min jirċevih jissieħeb jew jingħaqad bi grad ftit jew wisq intimu ma' l-Ordni tal-Karmnu, li hu mogħti għall-qadi tal-Madonna għall-ġid tal-Knisja kollha (ara *Il-Formula għall-impożizzjoni tal-Labtu*, fir-"Rit għat-Tberik u l-impożizzjoni tal-Labtu", approvat mill-Kongregazzjoni tal-kult Divin u tad-Dixxiplina tas-Sagramenti, 5/1/1996). Għalhekk, min jilbes il-Labtu jiddaħħal fl-art tal-Karmelu, biex "jiekol mill-aħjar frott li taf tagħti" (ara *Ġer* 2, 7) u jħoss il-preżenza ħelwa u materna ta' Marija, huwa u jitħabat ta' kuljum biex jilbes minn ġewwa lil Ġesù Kristu u juriħ ħaj ġo fih għall-ġid tal-Knisja u tal-bnedmin kollha (ara *Il-Formula għall-impożizzjoni tal-Labtu*).

Tnejn huma l-veritajiet li s-sinjal tal-Labtu jfakkarna fihom. Min-naħa l-waħda, ifakkarn fil-ħarsien ma jaqta' xejn tal-Verġni Mqaddsa, mhux biss tul il-mixja tagħna f'din il-ħajja imma wkoll waqt li nkunu se ngħaddu għall-milja tal-glorja ta' dejjem. Min-naħa l-oħra, jurina li d-devozzjoni lejha ma tistax tieqaf f'talb u sinjali oħra ta' qima lejha f'xi ċirkustanzi, imma għanda ssir "drawwa", jiġifieri mod permanenti ta' kif ngħixu l-ħajja nisranija tagħna, minsuġa mit-talb u l-ħajja interjuri, permezz tat-tisħib ta' spiss fis-sagrementi u t-tħaddim konkret tal-għemejjel tal-ħniena spiritwali u korporali. Hekk il-Labtu jsir sinjal ta' "patt" u għaqda bejn Marija u n-nisrani. Huwa jfisser b'mod konkret l-għotja ta' Ommu li Ġesù minn fuq is-salib għamel lil Ġwanni, u fih lilna lkoll, u t-telqa ta' l-appostlu l-maħbub u tagħna f'idejn dik li ngħatatalna bħala Omm spiritwali.

6. Ix-xhieda ta' qdusija u għerf ta' bosta qaddisin tal-Karmelu, li lkoll kemm huma kibru għad-dell u taħt il-ħarsien ta' din l-Omm, huma eżempji mill-aqwa ta' din l-ispiritwalità Marjana li ssawwar lill-persuni minn ġewwa sa ma jġġibhom jixbhu lil Kristu, il-kbir fost ħafna aħwa.

Jien ukoll ili ħafna nġib fuq qalbi l-Labtu tal-Karmnu! Għall-imħabba li għandi lejn Ommna tas-sema, li l-ħin kollu nħoss il-ħarsien tagħha, nixtieq lir-reliġjużi kollha tal-Karmelu u lill-insara devoti li jqimuha bħala wlied, li din is-sena Marjana tgħinhom jikbru fl-imħabba tagħha u jwasslu fid-dinja l-preżenza ta' din il-Mara tas-skiet u tat-talb, li aħna nqimuha bħal Omm il-ħniena, Omm it-tama u l-grazzja.

B'dawn ix-xewqat, nagħti bil-qalb il-Barka Appostolika lill-patrijiet, sorijiet tal-klawsura, sorijiet, u lajċi kollha tal-Familja Karmelitana, li tant jaħdmu biex ixerrdu fost il-Poplu ta' Alla l-qima vera lejn Marija, Kewkba tal-baħar u Fjur tal-Karmelu!

Mill-Vatikan, 25 ta' Marzu 2001

**Ġwanni Pawlu II**